Nru. 17,989
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2006
Monday, 30th October, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 913

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fis-27 ta' Ottubru, 2006, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

It-30 ta' Ottubru, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 913

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 27th October, 2006, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

30th October, 2006

Nru. 914

ATT XXI TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TA' l-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKOND id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV ta' l-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat ukoll ma' l-istess Gazzetta, skond l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

It-30 ta' Ottubru, 2006

No. 914

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of subsection (1) of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

30th October, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 104

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Malta

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Novembru 2006 mill-5.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dun S. Bianco, is-Sajf ta' San Martin u Misraħ tal-Baħrija.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Novembru 2006 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. minn Misraħ tal-Baħrija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

It-30 ta' Ottubru, 2006

POLICE NOTICE

No. 104

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat - Malta

On Saturday, 11th November 2006 from 5.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Dun S. Bianco, is-Sajf ta' San Martin and Misraħ tal-Baħrija.

On Sunday, 12th November 2006 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. through Misraħ tal-Baħrija.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

30th October, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-AQA Jannar 2007

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li jintlaqgħu applikazzjonijiet tard għall-eżamijiet ta' l-AQA ta' Jannar 2007 mill-Ħamis 2 ta' Novembru 2006 sal-Ġimgħa 3 ta' Novembru 2006 mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati ta' Għawdex
Dipartiment ta' l-Eżamijiet
Ir-Rabat, Għawdex

Għandu jitħallas dritt addizzjonali ta Lm23.20 għal kull applikazzjoni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mill-*website* tad-Dipartiment fuq:
www.exams.gov.mt.

It-30 ta' Ottubru, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA January 2007 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that late applications will be accepted for the AQA January 2007 examinations from Thursday 2nd November 2006 to Friday 3rd November 2006 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:-

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre
Victoria, Gozo

An additional fee of Lm23.20 has to be paid with each application.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria Gozo or from the Department's website on:
www.exams.gov.mt.

30th October, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1628

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1107/03 GV, fl-ismijiet Adelaide Mercieca pro et noe vs Claudia Zerafa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Charmel Pace, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub f'kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet Adelaide Mercieca f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi ta' binha minuri Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa u Charmel Pace, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar it-Tnejn, għoxrin (20) ta' Novembru 2006, fid-9.30 a.m.

Notifika: Charmel Pace, Jasmine, Triq il-Fuxa, San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri), illum, 27 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 23rd October 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1107/03 GV, in the names Adelaide Mercieca pro et noe vs Claudia Zerafa, ordered the following publication for the purpose of service of Charmel Pace, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal in the names Adelaide Mercieca in her own name as well as curator of her minor son Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa and Charmel Pace, have now been closed, the Court fixed the hearing of this cause to Monday, twentieth (20) of November 2006, at 9.30 a.m.

Notify: Charmel Pace, Jasmine, Fuxa Street, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals), today, 27th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1629

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors numru 176/2006, fl-ismijiet Aquilina Abigail vs Scerri Mario, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet Abigail Aquilina vs Mario Scerri, ir-rikorrenti Abigail Aquilina esponiet bil-ġurament:

1. Illi ir-rikorrenti kienet involuta f'inċident awtomobilistiku li ssuċeda nhar id-9 ta' Settembru 2004, fit-3.30 p.m., quddiem iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, Paola, meta r-rikorrenti kienet qed issuq karozza tal-marka Citroen SXO Nru tar-Reg. SAX 024 u l-intimat kien qed isuq xarabank DBY 318, proprjetà ta' Joseph Polidano.

2. Illi dan l-inċident issuċeda tort unikament ta' l-intimat u dan minħabba f'imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

3. Illi a kawża ta' l-inċident, ir-rikorenti soffriet danni anki fuq persunitha u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 20th June 2006, in the records of the Application number 176/2006, in the names Aquilina Abigail vs Scerri Mario, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, on the 6th March 2006, in the names Abigail Aquilina vs Mario Scerri, the applicant Abigail Aquilina pleaded under oath:

1. That the applicant was involved in a car accident which occurred on the 9th September 2004, at 3.30 p.m.,before the Addolorata Cemetry, Addolorata, Paola, when the applicant was driving the car of the type Citroen SXO Reg. Number SAX 024 and the respondent was driving a Charabanc DBY 318, property of Joseph Polidano.

2. That this incident occurred solely due to the fault of the respondent and this due to carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations.

3. That as a cause of the incident, the applicant suffered damages even on her person and this as shall be proved during the hearing and the pleadings.

Għaldaqstant ir-rikorrent titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara li l-inċident issuċċeda tort unikament ta' l-intimat u dan minħabba f'imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tiddikjara li a kawża ta' l-inċident ir-rikorrenti soffriet danni;

3. Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo l-opera ta' periti nominandi,

4. Tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Intimat: 71, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop.

Lista tax-xhieda.

Lista tad-Dokumenti.

Ir-Rikors Numru 176/2006, FS, fl-ismijiet Aquilina Abigail vs Scerri Mario, jinsab differit għall-1 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the applicant prays this Honourable Court;

1. To declare that the accident occurred solely due to the fault of the respondent and this due to carelessness, negligence and non-observance of the traffic regulations;

2. Declare that as a cause of the accident the applicant suffered damages;

3. Liquidate the damages suffered if necessary by the appointment of referees,

4. Condemn the respondent to pay the damages;

With costs and interest and the defendant is summoned so that a reference to his evidence be made.

Respondent: 71, San Benedittu Street, Kirkop.

List of Witnesses.

List of Documents.

The Application Number 176/2006, in the names Aquilina Abigail vs Scerri Mario, has been put off to the 1st November 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th October 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1630

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' 19 ta' Settembru, 2006, ordnat il-korrezzjoni tal-Mewt ta' Maria Concepta Seisun li jġib in-numru 586 tas-sena 2004 fis-sens illi fil-kolonna intestata, "Jekk għażeb/xebba, miżżewweġ/miżżewġa, armel/armla", tiġi kanĊellata l-kelma 'Spinster' u jiżdiedu l-kliem "wife of Ghazi Aliwi".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, illum, 26 ta' Ottubru, 2006.

LORIANNE CAMILLERI
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 19th day of September, 2006, ordered the correction of the Act of Death of Maria Concepta Seisun bearing number 586 of the year 2004 in the sense that in the column entitled, "Whether married or unmarried, widower or widow", cancel the work 'Spinster' and insert the words "wife of Ghazi Aliwi".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts, this 26th day of Ottubru, 2006.

LORIANNE CAMILLERI
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*